**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 18/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Obaid Alsaleh**

Illum, 6 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Obaid Alsaleh, detentur tal-permess ta' residenza Griega bin-numru P00616974 u detentur tan-numru tar-Refcom 30031, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli fit-3 ta' Diċembru 2021 għal ħabta ta' bejn 17:30Hrs u 18:00Hrs ta' filgħaxija ġewwa binja fi Triq il-Kapuccini, l-Marsa, ikkommetta flimkien ma' persuna oħra, serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' George Xerri, li huwa anzjan ta' wieħed u sebgħin sena (71), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess George Xerri.
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' George Xerri li huwa anzjan ta' wieħed u sebgħin sena (71), liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr David Barbara detentur ta' numru tar-reġistru mediku 4686 taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana.
3. Talli fit-6 ta' Diċembru 2021 għal ħabta ta' bejn 14:00Hrs u 14:30Hrs ġewwa Triq San Gejtanu, ikkommetta flimkien ma' persuna oħra, serq ta' mobile phone minn fuq il-persuna ta' Charles Farrugia, li huwa anzjan ta'

erbgħa u sittin sena (64), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur għad-dannu ta' l-istess Charles Farrugia u / jew persuni oħra.

4. Fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza mogħtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D datata 16 ta' Gunju 2021.
5. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrendew ruhhom riċedivi ai termini tal-artikoli 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' April 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a), 263(b), 267, 270, 274(c), 276A, 277(b), 17(h), 279(a), 280(2), 214, 215, 221(1), 278(2), 257D(1)(b), 28B, 49, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Obaid Alsaleh ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u in kwantu għar-raba imputazzjoni, b'applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta' subinċiż 2 ta' l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet indikati, l-Qorti estendiet il-perjodu operattiv tas-sentejn priġunerija imposti bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Ian Farrugia, fis-16 ta' Ġunju 2021 għal perjodu ta' erba' (4) snin mill-llum, filwaqt li għall-kumplament tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha l-Qorti ikkundanatu għal piena komplessiva ta' erba' u ħamsin (54) xahar priġunerija effettiva. *Inoltre'* bl-applikazzjoni tal-Art. 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament għal zmien sentejn fuq il-ħati sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga u tkun indirizzata l-problema ta' rabja tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tirrevoka *a contrario imperio* u tħassar *in toto* is-sentenza mogħtija kontra l-appellant u konsegwentement tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni u piena;
2. Mingħajr preġudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax (alternattivament), jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi għalkemm l-appellant fir-rikors ta'l-appell jitlob it-tħassir tas-sentenza appellata u għalhekk il-konsegwenzjali libeartorja mill-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, madanakollu minn eżami tal-korp tar-rikors jidher illi l-ilment tiegħu huwa indirizzat unikament lejn il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u mhux lejn il-mertu, ukoll għaliex mill-atti probatorji jirriżulta illi fil-fatt kienet irreġistrata ammissjoni inkondizzjonata għar-reati kollha lilu addebitati. Għaldaqstant, l-appellant ma jistax jitlob il-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u piena wara li ammetta għalihom mingħajr ma jindika xi mottiv 'il għala din il-Qorti m'għandiex tistrieħ fuq tali amisssjoni. Illi fil-fatt fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti tat-12 ta' Jannar 2022, l-appellant ammetta għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u wara li ngħata l-ħin opportun sabiex jagħrbel id-deċizjoni tiegħu, huwa reġa' tenna l-ammissjoni nkondizzjonata tiegħu. Kif ingħad, ma tressaq l-ebda aggravju mill-appellant fir-rigward ta' din l-istess ammissjoni magħmula minnu volontarjament u konxjament, u għaldaqstant l-istess hija meqjusa bħala waħda valida skond il-Liġi. Għalhekk l-Qorti qed tiċħad l-ewwel talba mressqa mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik tal-piena ta' priġunerija effettiva ta' erba' u ħamsin (54) xahar. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx diversi fatturi, fosthom il-ko-operazzjoni tiegħu, l-ammissjoni bikrija, il-karattru suxxettibbli tiegħu u l-fatt li ma nġabitx prova dwar l-addebitu tar-reċediva.

Illi kien stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx

jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] .

Illi, dwar l-ilment tal-appellant konċernanti l-addebitu tar-reċediva, u il-fatt li ma inġiebet ebda prova fir-rigward, jingħad illi l-appellant ammetta anke għal din l-imputazzjoni, kif ammetta għall-imputazzjonijiet kollha u kwindi fid-dawl ta'l-istess il-Prosekuzzjoni ma kien jenħtieġilha tressaq ebda prova diment li l-Qorti ma kenitx tal-fehma illi ma kellhiex tistrieħ fuq tali ammissjoni u ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-każ, ħaġa illi mill-atti ma jidhirx illi seħħet. Illi l-Qorti tinnota ukoll li fis-sentenza appellata, hemm ndikat li qed tinstab ħtija fit-termini ta'l-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali u mhux l-Artikolu 50 ukoll, u għalhekk jidher li ma kien hemm l-ebda żieda fil-piena mposta fuq l-appellant minħabba l-addebitu tar-reċediva. Għalhekk dan l-ilment ma jistħoqqlux akkoljiment.

Illi, dwar il-bqija tal-ilmenti mressqa mill-appellant, l-Qorti ser tagħmel referenza għal konsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti stqarret li "*qiegħdha tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, l-ammissjoni bikrija tiegħu, il-fedina penali tal-imputat u kif ukoll il-pre-sentencing report*". Infatti, fl-istess *pre-sentencing report*, il-*Probation Officer* Mary Rose Farrugia ikkonkludiet li "*... hu suġġerit li ... jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva li minnha jitnaqqas iz-zmien li għamel taħt arrest preventiv. Hu rrakomandat li s-sentenza tinkludi ukoll ordni ta' trattament u dan sabiex ikomplu jkunu ndirizati problemi oħra bħal dik ta' rabja kif ukoll ta' abbuz mid-droga kannabis sintetika*".

Għalhekk jidher li l-fatturi kollha li l-appellant qed jilmenta minnhom, filfatt l-Ewwel Qorti ħadithom in konsiderazzjoni meta waslet biex teroga l-piena in kwistjoni. *In oltre*, mill-komputazzjoni tal-piena magħmula minn dina l-Qorti, jirriżulta li t-terminu ta' 54 xahar priġunerija effettiva erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-appellant u saħansitra huwa terminu li jqarreb pjuttost lejn il-minimu stabbilit fil-Liġi. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*", tirrispekja r-reati serji addebitati lilu, reati kommessi fuq vittmi anzjani u vulnerabbli, u ssib forza ukoll fil-konkluzzjonijiet milħuqa fil-*pre-sentencing report* hawn fuq iċċitat. *In vista* ta' dan kollu, l-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell mressaq mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**